**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (Danimarka) fl-14 ta' Novembru 2011 — Agroferm A/S vs Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri**

**(Kawża C-568/11)**

(2012/C 25/67)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Agroferm A/S

*Konvenut:* Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri

**Domandi preliminari**

(1) Prodott li huwa mmanifatturat miz-zokkor iffermentat permezz ta' *Corynebacterium glutamicum* u li huwa kkostitwit — bħalma huwa speċifikat fl-Anness 1 tad-digriet tar-rinviju — minn madwar 65 % ta' sulfat tal-lisina, kif ukoll minn impuritajiet li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura (materjali inizjali mhux ikkonvertiti, reaġenti użati fil-proċess ta' manifattura u prodotti sekondarji) jaqa' taħt l-intestatura 2309, l-intestatura 2922 jew l-intestatura 3824 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-verżjoni fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005 ([1]), tas-27 ta' Ottubru 2005, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni?

F'dan ir-rigward għandu jittieħed inkunsiderazzjoni jekk l-impuritajiet tħallewx deliberatament fil-prodott bl-għan li jrenduh partikolarment xieraq jew iktar xieraq sabiex jintuża fil-manifattura tal-għalf għall-annimali jew jekk l-impuritajiet tħallewx għaliex ma huwiex neċessarju jew opportun li jiġu eliminati? Skont liema linji gwida għandha, jekk ikun il-każ, tiġi deċiża din il-kwistjoni?

Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa possibbli li jiġu mmanifatturati prodotti oħra li jinkludu l-lisina u, b'mod partikolari, il-lisina "pura" (≥ 98 %) u prodotti oħra bbażati fuq il-lisina HCI, li jinkludu ammont akbar ta' lisina minn dak tal-prodott ibbażat fuq is-sulfat tal-lisina deskritt iktar 'il fuq u għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-ammont tas-sulfat tal-lisina u tal-impuritajiet tal-prodott ibbażat fuq is-sulfat tal-lisina deskritt iktar 'il fuq jikkorrispondi għal dak tal-prodotti bbażati fuq is-sulfat tal-lisina ta' manifatturi oħrajn? Skont liema linji gwida għandha, jekk ikun il-każ, tiġi deċiża din il-kwistjoni?

(2) Jekk, skont il-prinċipju ta' legalità, hemm lok li jitiqes li l-produzzjoni ma kinitx taqa' fl-iskema ta' ħlas lura, imur kontra d-dritt tal-Unjoni li l-awtoritajiet nazzjonali jastjenu, f'kawża bħal dik preżenti u fid-dawl tal-prinċipji nazzjonali ta' ċertezza legali u tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, milli jitolbu r-rimbors tal-ammont tal-ħlasijiet lura li l-produttur irċieva in *bona fide*?

(3) Jekk, skont il-prinċipju ta' legalità, hemm lok li jitqies li l-produzzjoni ma kinitx taqa' fl-iskema ta' ħlas lura, imur kontra d-dritt tal-Unjoni li l-awtoritajiet nazzjonali jirrispettaw, f'kawża bħal dik preżenti u fid-dawl tal-prinċipji nazzjonali ta' ċertezza legali u tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, impenji suġġetti għal-limiti ta' żmien (ċertifikati ta' ħals lura) li l-manifattur irċieva in *bona fide*?

([1]) ĠU L 286, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Comercial Cluj (ir-Rumanija) fl-14 ta' Novembru 2011 — SC Volksbank România SA vs Andreia Câmpan u Ioan Dan Câmpan**

**(Kawża C-571/11)**

(2012/C 25/68)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Comercial Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Volksbank România SA

*Konvenuti:* Andreia Câmpan u Ioan Dan Câmpan

**Domanda preliminari**

"Peress li, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13/KEE ([1]), l-evalwazzjoni tan-natura abbużiva tal-klawżoli ma tirrigwarda la d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas l-adegwatezza bejn il-prezz u r-remunerazzjoni, minn naħa, u s-servizzi jew il-prodotti pprovduti inkambju, min-naħa l-oħra, sakemm dawn il-klawżoli jkunu fformulati b'mod ċar u li jinftiehem;

u

peress li, b'mod konformi mal-Artikolu 2[2](a) tad-Direttiva 2008/48/KE ([2]), id-definizzjoni li l-Artikolu 3(g) ta' din l-istess direttiva tagħti lill-kunċett tal-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur, li jinkludi l-kummissjonijiet kollha li l-konsumatur għandu jħallas għall-ftehim ta' kreditu ta' konsum, ma huwiex applikabbli għad-determinazzjoni tas-suġġett ta' ftehim ta' kreditu ggarantit b'ipoteka,

għalhekk

il-kunċetti ta 'suġġett' u/jew ta' 'prezz' fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13/KEE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li kummissjoni (imsejħa 'kummissjoni għal riskju' mill-partijiet fil-ftehim ta' kreditu ggarantit b'ipoteka u kkalkulat bil-formula li ġejja: 0,22 % applikat fuq il-bilanċ tal-kreditu, dovut kull xahar fid-data ta' skadenza, matul il-perijodu kollu ta' validità tal-ftehim ta' kreditu) tagħmel parti mis-'suġġett' u/jew il-'prezz' ta' ftehim ta' kreditu ggarantit b'ipoteka?"

(1) Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

(2) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen Sad — Veliko Tarnovo (il-Bulgarija) fil-11 ta' Novembru 2011 — "Menidzharski biznes reshenia" OOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" — Veliko Tarnovo**

**(Kawża C-572/11)**

(2012/C 25/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen Sad — Veliko Tarnovo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "Menidzharski biznes reshenia" OOD

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" — Veliko Tarnovo

**Domanda preliminari**

F'każ bħal dak fil-kawża prinċipali u fid-dawl tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' aspettativi leġittimi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 203 flimkien mal-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1], tat-28 Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jista' jkun irrifjutat tnaqqis mill-VAT, minkejja li jiġi eliminat kull riskju ta' telf ta' dħul mit-taxxi, jekk dan ir-riskju jiġi biss eliminat fir-rigward tad-dħulilta tal-VAT muri fil-fattura tal-fornitur mat-Teżor Pubbliku, mingħajr ma t-tneħħija tar-riskju ta' telf mid-dħul mit-taxxa taffettwa l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tal-fornitur li rriżultaw mill-kontenut frawdolenti tal-fattura, li fiha l-VAT kien muri bħala li għandu jitħallas mill-fornitur?

(1) ĠU L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fis-16 ta' Novembru 2011 — Eleftherios-Themistoklis Nasiopoulos vs Ypourgos Ygeia kai Pronoias**

**(Kawża C-575/11)**

(2012/C 25/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Qorti tar-rinviju**

Symvoulio tis Epikrateias.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Eleftherios-Themistoklis Nasiopoulos.

*Konvenut:* Ypourgos Ygeia kai Pronoias.

**Domanda preliminari**

Għall-finijiet tal-Artikolu 43 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-għan li tiġi ggarantita l-provvista ta' servizzi tas-saħħa ta' kwalità huwa suffiċjenti, fid-dawl ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sabiex jiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mis-sistema tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi Stat Membru (Stat Membru ospitanti) li: a) jippermettu l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet professjonali biss għall-persuni li għandhom id-dritt li jeżerċitaw f'dan l-Istat Membru l-professjoni rregolata tal-fiżjoterapija; b) jeskludu l-possibbiltà ta' aċċess parzjali għal din il-professjoni; u c) jimplikaw, konsegwentement, għal ċittadin tal-Istat Membru ospitanti, li jkun kiseb fi Stat Membru ieħor (Stat Membru ta' oriġini) titolu li jippermettilu li jeżerċita professjoni marbuta mal-provvista ta' servizzi tas-saħħa li hija regolata f'dan l-aħħar Stat [li iżda ma jippermettilux li jeżerċita l-professjoni ta' fiżjoterapista fl-Istat Membru ospitanti, għaliex il-kundizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE "dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimenta [ssupplimentata] d-Direttiva 89/48/KEE" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 47) ma humiex sodisfatti], l-impossibbiltà totali li jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti — permezz ta' aċċess parzjali għall-professjoni ta' fiżjoterapista — parti biss mill-attivitajiet koperti minn din il-professjoni, jiġifieri dawk li l-parti kkonċernata għandha d-dritt li teżerċita fl-Istat Membru ta' oriġini?